IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 22.10.2018
COM(2018) 719 final

2018/0371 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-impenn mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal, li ġew impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, jew l-allokazzjoni tagħhom għal azzjonijiet oħra skont il-programmi nazzjonali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

B'appoġġ għall-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill li jistabbilixxu miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u tal-Greċja[1] u d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-ammissjoni legali mit-Turkija[2], ġie impenjat finanzjament għall-programmi nazzjonali tal-Istati Membri taħt il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (Asylum, Migration and Integration Fund, AMIF). Iż-żewġ Deċiżjonijiet tal-Kunsill[3] ippermettew ir-rilokazzjoni effettiva ta' 34 705 applikant fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali mill-Greċja u mill-Italja u l-ammissjoni legali ta' 5 345 persuna fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali mit-Turkija. Il-qafas ta' żmien u l-applikabbiltà ta' dawn id-deċiżjonijiet issa waslu fi tmiemhom.

Minn EUR 843 miljun impenjati matul l-2016 għal programmi nazzjonali ta' Stati Membri taħt l-AMIF, madwar EUR 567 miljun għadhom disponibbli. Skont ir-regola dwar id-diżimpenn stabbilita fir-Regolament li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni[4], jenħtieġ li l-pagamenti jsiru fuq il-bażi tal-impenji sa tmiem l-2018, u, wara din id-data, il-finanzjament mhux se jibqa' jkun disponibbli għall-użu mill-Istati Membri għall-programmi nazzjonali fl-ambitu tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni.

Fl-isfond tad-diskussjonijiet mal-Parlament Ewropew u mal-Kunsill matul l-2018, il-Kummissjoni tipproponi emendi tekniċi għall-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 516/2014[5], biex tippermetti lill-Istati Membri jużaw il-fondi impenjati li jkun għad fadal biex jindirizzaw il-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni, inkluż it-twettiq ta' rilokazzjoni wara t-tmiem tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill. Il-proposta tista' wkoll tkabbar il-grupp fil-mira eliġibbli għar-rilokazzjoni skont l-AMIF attwali, jiġifieri l-benefiċjarji fi bżonn ta' protezzjoni internazzjonali, sabiex jiġi inkluż ukoll it-trasferiment ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali (bħalma kien il-każ fid-Deċiżjonijiet tal-Kunsill imsemmija qabel).

Permezz ta' din l-emenda, l-Istati Membri se jkunu f'pożizzjoni li jkomplu juru solidarjetà meta jkunu qed jimplimentaw id-deċiżjonijiet ta' trasferiment fil-prattika. Barra minn hekk, din il-proposta tipprovdi lill-Istati Membri bil-possibbiltà li jużaw dan il-finanzjament għal azzjonijiet oħrajn kif definit fir-Regolament dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, apparti r-rilokazzjoni u r-risistemazzjoni, jekk ikun ġustifikat kif xieraq fil-programmi nazzjonali, li se jkollhom jiġu riveduti għal dan il-għan[6]. Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni kkonferma li l-Istati Membri huma konfrontati bi bżonnijiet varji u sinifikanti fl-oqsma tal-asil, l-integrazzjoni u r-ritorn.

---

1 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u 2015/1601

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1754 li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u 2015/1601

4 L-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.

5 Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, p. 168).

6 Azzjonijiet rilevanti oħra jistgħu jkunu l-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-asil, bħat-tisħiħ tas-sistemi tal-asil tal-Istati Membri, iż-żieda fl-isforz tal-integrazzjoni, iż-żieda fir-ritorni, it-titjib fir-rotot legali għall-Unjoni li jissostitwixxu dawk mhux sikuri u irregolari, kif ukoll it-tisħiħ tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi f'dawn l-oqsma.

Il-proposta tippermetti lill-Istati Membri jimpenjaw ruħhom mill-ġdid jew jittrasferixxu ammonti fil-programmi nazzjonali, permezz ta' reviżjonijiet tal-programm nazzjonali. Il-proposta testendi wkoll, b'massimu ta' sitt xhur, l-iskadenza għad-diżimpenn tal-ammonti li jkun għad fadal, li ġew impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom żmien biżżejjed biex jirrevedu l-programmi nazzjonali sabiex jagħmlu l-bidliet relatati ma' impenji mill-ġdid eventwali jew trasferimenti ta' finanzjament. Għal dan il-għan, huwa propost li ssir deroga mill-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014[7]. Barra minn hekk, il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjoni li testendi l-iskadenza għall-użu tal-finanzjament ikkonċernat, b'sentejn addizzjonali wara l-approvazzjoni tar-reviżjonijiet tal-programmi nazzjonali mill-Kummissjoni, biex tagħti lill-Istati Membri biżżejjed żmien biex jimplimentaw l-azzjonijiet li għalihom il-finanzjament se jiġi impenjat mill-ġdid jew ittrasferit.

Sabiex l-ammonti impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 li huma disponibbli fil-programmi nazzjonali tal-Istati Membri jibqgħu disponibbli biex jappoġġaw ir-rilokazzjoni u l-prijoritajiet l-oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil, u sabiex dawn ma jiġux diżimpenjati, huwa essenzjali li l-emendi tekniċi proposti fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 jiġu adottati u jidħlu fis-seħħ qabel it-tmiem tal-2018.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta hija konsistenti mal-prijoritajiet ta' politika tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil, billi tippermetti lill-Istati Membri jkomplu jużaw l-ammonti li jkun għad fadal, li ġew impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 għall-prijoritajiet tal-Unjoni fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil, permezz tal-programmi nazzjonali tagħhom.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-emenda teknika ppjanata hija konsistenti ma' proposti u inizjattivi oħra adottati mill-Kummissjoni Ewropea. Il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni kien strumenti importanti biex jikkomplementa l-azzjonijiet tal-UE fl-oqsma tal-fruntieri u s-sigurtà, b'mod partikolari billi jipprovdi appoġġ għat-twaqqif u t-tmexxija ta' hotspots. B'mod partikolari, l-appoġġ koordinat kemm mill-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni kif ukoll mill-Fond għas-Sigurtà Interna wera li kien essenzjali biex jiżgura ġestjoni bla xkiel tal-każijiet fil-hotspots, inkluż ir-riferiment tagħhom għall-proċeduri xierqa. Flimkien mal-Fond Soċjali Ewropew, u f'koordinazzjoni miegħu, huwa pprovda wkoll appoġġ lil ċittadini ta' pajjiżi terzi, u kkumplimenta l-ħidma ta' strumenti ta' finanzjament estern tal-UE fl-implimentazzjoni ta' politiki tal-UE dwar il-migrazzjoni esterna. L-emenda proposta tal-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni se tippermetti appoġġ ulterjuri għal azzjonijiet f'dawn l-oqsma.

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, p. 112).

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Din il-proposta temenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 u hija bbażata fuq l-Artikoli 78(2) u 79(2) u (4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea li jagħtu s-setgħa lill-Unjoni tieħu azzjonijiet fil-qasam tal-asil, l-immigrazzjoni, il-ġestjoni tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti b'residenza legali fl-Istati Membri, li tiġġieled l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin, inkluż permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Dawn l-Artikoli jikkostitwixxu bażijiet ġuridiċi kompatibbli fl-isfond tal-pożizzjoni tar-Renju Unit, l-Irlanda u d-Danimarka fir-rigward tal-oqsma li jkopru, u b'hekk jipprovdu regoli tal-votazzjoni kompatibbli fil-Kunsill. Il-proċedura leġiżlattiva ordinarja tapplika għal kull wieħed minnhom.

- **Sussidjarjetà**

Din il-proposta hija konformi mal-prinċipju tas-sussidjarjetà. L-iffaċilitar lill-Istati Membri biex ikomplu jużaw l-ammonti li fadal li ġew impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 għar-rilokazzjoni, kif ukoll, f'ċirkostanzi ġustifikati kif xieraq, għal azzjonijiet oħra fil-programmi nazzjonali tagħhom, se jwassal għal valur miżjud ogħla fil-livell tal-Unjoni minn Stati Membri li jaġixxu waħedhom.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija limitata għall-aġġustamenti tekniċi neċessarji.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument li qed jiġi propost: l-emendar tar-Regolament attwali.

Minħabba l-qafas legali, huwa meħtieġ li jiġu proposti emendi għar-Regolament (UE) Nru 516/2014 u biex issir deroga mir-Regolament (UE) Nru 514/2014.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Saru konsultazzjonijiet informali mal-Kumitat rilevanti tal-Parlament Ewropew u tal-grupp ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill. Dan indika kunsens dwar il-ħtieġa tal-aġġustamenti tekniċi stabbiliti f'din il-proposta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-għan tal-emenda teknika proposta huwa li jiżgura li l-ammonti impenjati fl-2016 biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 jibqgħu disponibbli għall-Istati Membri fil-programmi nazzjonali tagħhom għall-finanzjament tar-rilokazzjoni, u ladarba jkun ġustifikat kif xieraq fil-qafas ta' reviżjoni ta' programm nazzjonali, azzjonijiet oħra fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil. L-ebda finanzjament addizzjonali mill-baġit tal-Unjoni ma huwa meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-emendi proposti għar-Regolament (UE) Nru 516/2014.

5. ELEMENTI OĦRAJN

• Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar

Din il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar tar-Regolament dwar l-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni li se jkomplu japplikaw.

• Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

L-ewwel objettiv ta' din il-proposta huwa li jiffaċilita l-użu tal-ammonti li jifdal, li ġew impenjati skont il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, biex jippromwovu l-prijoritajiet tal-UE fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-asil, inkluża r-rilokazzjoni. Dan ikun possibbli għal perjodu estiż ta' sentejn wara r-reviżjoni tal-programmi nazzjonali mill-Kummissjoni, u jippermetti wkoll l-użu ta' dawk il-fondi għal finijiet għajr dawk tar-rilokazzjoni, permezz ta' reviżjonijiet ta' programmi nazzjonali tal-Istati Membri. Fl-istess ħin, dan jestendi wkoll l-ambitu tal-grupp fil-mira ta' persuni eliġibbli għal rilokazzjoni biex jipprovdu lil Stati Membri b'aktar flessibbiltà fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' solidarjetà.

Għalhekk, il-proposta temenda l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 billi tinserixxi l-kliem "applikant jew" qabel il-kliem "benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali".

It-tieni, il-proposta temenda l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 billi tagħmilha possibbli li l-ammonti impenjati jiġu impenjati mill-ġdid biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 għar-rilokazzjoni jew jiġu ttrasferiti għal azzjonijiet oħra definiti fir-Regolament dwar l-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u bbażati fuq il-bżonnijiet tal-Istati Membri. Dan għandu jkun ġustifikat kif xieraq f'reviżjoni tal-programm nazzjonali, li trid tiġi approvata mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li tali trasferimenti ta' impenji mill-ġdid isiru darba biss, fl-isfond tal-prinċipju ta' ġestjoni finanzjarja soda u b'rispett lejn ir-regola ta' diżimpenn kif stabbilita fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.

It-tielet, il-proposta ddaħħal dispożizzjoni fl-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014 li tirrevedi r-regola dwar id-diżimpenn stabbilita fl-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 sabiex l-ammonti li fadal, li ġew impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, ikunu jistgħu jintużaw għal perjodu addizzjonali ta' sentejn. Għal dan il-għan, id-dispożizzjoni proposta tiddikjara li l-ammonti kkonċernati se jitqiesu li ġew impenjati fis-sena tar-reviżjoni tal-programm nazzjonali li tapprova l-impenn mill-ġdid ta' dawn l-ammonti jew it-trasferiment tagħhom lejn azzjonijiet oħra fil-programm nazzjonali.

Fl-aħħar nett, il-proposta testendi l-iskadenza għad-diżimpenn awtomatiku ta' ammonti b'perjodu ta' sitt xhur. Din id-dispożizzjoni tidderoga mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 50 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 u hija meħtieġa sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jtemmu l-proċedura għar-reviżjoni tal-programmi nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.

2018/0371 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tal-impenn mill-ġdid tal-ammonti li jkun għad fadal, li ġew impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, jew l-allokazzjoni tagħhom għal azzjonijiet oħra skont il-programmi nazzjonali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikoli 78(2), 79(2) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) L-għan ta' dan ir-Regolament huwa li jippermetti l-impenn mill-ġdid tal-ammonti li fadal, li ġew impenjati biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601, kif previst skont ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] jew l-allokazzjoni tagħhom għal azzjonijiet oħra skont il-programmi nazzjonali f'konformità mal-prijoritajiet tal-Unjoni u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri fl-oqsma tal-migrazzjoni u l-asil.

(2) Il-Kummissjoni impenjat finanzjament lil programmi nazzjonali tal-Istati Membri skont il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni biex jappoġġa l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523[9] u (UE) 2015/1601[10]. Id-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 ġiet emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1754[11]. Dawk id-Deċiżjonijiet issa waqfu japplikaw.

(3) Il-parti tal-finanzjament allokata taħt id-Deċiżjonijiet (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 fl-2016 tibqa' disponibbli fil-programmi nazzjonali tal-Istati Membri.

(4) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom il-possibbiltà li jużaw l-ammonti msemmija hawn fuq biex ikomplu jimplimentaw ir-rilokazzjoni billi jimpenjaw mill-ħdid l-ammonti

---

8 Ir-Regolament (UE) Nru 516/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014. li jistabbilixxi l-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, li jemenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/381/KE u li jħassar id-Deċiżjonijiet Nru 573/2007/KE u Nru 575/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/435/KE (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 168).

9 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 239, 15.9.2015, p. 146).

10 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 248, 24.9.2015, p. 80).

11 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/1754 tad-29 ta' Settembru 2016 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2015/1601 li tistabbilixxi miżuri proviżorji fil-qasam tal-protezzjoni internazzjonali għall-benefiċċju tal-Italja u l-Greċja (ĠU L 268, 1.10.2016, p. 82).

għall-istess azzjoni fil-programmi nazzjonali. Barra minn hekk, jenħtieġ li jkun possibbli, jekk ikun ġustifikat kif xieraq fir-reviżjoni tal-programmi nazzjonali tal-Istati Membri, li dan il-finanzjament jintuża wkoll biex jindirizza sfidi oħra fil-qasam tal-migrazzjoni u l-asil, skont ir-Regolament dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni. Il-ħtiġijiet tal-Istati Membri f'dawn l-oqsma jibqgħu sinifikanti. Jenħtieġ li l-impenji mill-ġdid tal-ammonti msemmija hawn fuq għall-istess azzjoni, jew it-trasferiment tagħhom għal azzjonijiet oħrajn taħt il-programm nazzjonali, ikunu possibbli biss darba u bl-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

(5) Il-grupp fil-mira eliġibbli għal rilokazzjoni jenħtieġ li jiġi estiż biex tingħata aktar flessibbiltà lill-Istati Membri li jwettqu r-rilokazzjonijiet.

(6) L-Istati Membri u l-Kummissjoni jenħtieġ li jkollhom biżżejjed żmien biex jirrevedu l-programmi nazzjonali biex jakkomodaw il-bidliet rilevanti previsti minn dan ir-Regolament emendatorju. Għalhekk, jenħtieġ li d-deroga mill-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12] tiġi applikata għall-ammonti li fadal li ġew impenjati għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 li testendi l-iskadenza għad-diżimpenn b'sitt xhur bil-għan li titlesta l-proċedura għar-reviżjoni tal-programmi nazzjonali, kif imsemmi fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014.

(7) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien biex jużaw l-ammonti impenjati mill-ġdid għall-istess azzjoni jew ittrasferiti għal azzjonijiet oħra qabel id-diżimpenn ta' dawn l-ammonti. Għalhekk, meta tali impenji mill-ġdid jew trasferimenti ta' ammonti taħt il-programm nazzjonali jiġu approvati mill-Kummissjoni, l-ammonti kkonċernati għandhom jitqiesu li kienu twettqu fis-sena tar-reviżjoni tal-programm nazzjonali li japprova l-impenn mill-ġdid jew it-trasferiment ikkonċernat.

(8) Dan ir-Regolament emendatorju ma jaffettwax il-finanzjament disponibbli skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 516/2014.

(9) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dawn l-Istati Membri nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]

JEW

(10) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għal Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, dawn l-Istati Membri mhumiex qed jieħdu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhumiex marbuta bih jew soġġetti għall-applikazzjoni tiegħu.]

JEW

(10) [F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat

[12] Ir-Regolament (UE) Nru 514/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni u dwar l-istrument għal appoġġ finanzjarju għall-kooperazzjoni tal-pulizija, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità, u l-ġestjoni tal-kriżijiet (ĠU L 150, 20.5.2014, p. 112).

dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dan il-Protokoll, ir-Renju Unit mhuwiex qed jieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhuwiex marbut bih jew soġġett għall-applikazzjoni tiegħu.

(10a) F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-Irlanda nnotifikat (, permezz ta' ittra ta' ...,) ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.]

JEW

(10) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, ir-Renju Unit innotifika (permezz tal-ittra li ġġib id-data ta' ...) ix-xewqa tiegħu li jieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(10a) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(11) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll (Nru 22) dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness għat-TUE u għat-TFUE, id-Danimarka mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu,

(12) Fl-isfond tal-ħtieġa li jiġi evitat diżimpenn tal-finanzjament li fadal impenjat biex jappoġġa l-implimentazzjoni tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (UE) 2015/1523 u (UE) 2015/1601 dan ir-Regolament jenħtieġ li jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

(13) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 516/2014 jiġi emendat,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tal-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 516/2014

l-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

"Artikolu 18

(1) Fil-paragrafu 1, il-kliem "benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali" huwa sostitwit bil-kliem "applikant għal protezzjoni jew benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali";

(2) Il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-ammonti addizzjonali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu allokati lill-Istati Membri għall-ewwel darba fid-deċiżjonijiet individwali ta' finanzjament li japprovaw il-programm nazzjonali tagħhom f'konformità mal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 514/2014 u aktar tard f'deċiżjoni ta' finanzjament li għandha tiġi annessa mad-deċiżjoni li tapprova l-programm nazzjonali tagħhom. L-impenji mill-ġdid ta' dawk l-ammonti għall-istess azzjoni taħt il-programm nazzjonali jew ta' trasferimenti tagħhom taħt il-programm nazzjonali għandhom ikunu possibbli fejn ikun ġustifikat kif xieraq fir-reviżjoni tal-programm nazzjonali rispettiv. Ammont jista' jiġi impenjat mill-ġdid jew ittrasferit darba biss. Il-Kummissjoni għandha tapprova l-impenn mill-ġdid jew it-trasferiment permezz tar-reviżjoni tal-programm nazzjonali.";

(3) Jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"3a. Għall-għan tal-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, meta l-ammonti li joriġinaw mill-miżuri proviżorji stabbiliti mid-Deċiżjonijiet (UE) Nru 2015/1523 u (UE) Nru 2015/1601 huma impenjati mill-ġdid għall-istess azzjoni taħt il-programm nazzjonali jew ittrasferiti għal azzjonijiet oħra taħt il-programm nazzjonali skont il-paragrafu 3, l-ammonti kkonċernati għandhom jitqiesu li ġew impenjati fis-sena tar-reviżjoni tal-programm nazzjonali li tapprova l-impenn mill-ġdid jew it-trasferiment inkwistjoni.

3b. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 50(1) tar-Regolament (UE) Nru 514/2014, l-iskadenza għad-diżimpenn tal-ammonti msemmija fil-paragrafu 3a għandhom jiġu estiżi b'perjodu ta' sitt xhur.";

(4) Fil-paragrafu 4, il-kliem "benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali" huma sostitwiti bil-kliem "applikanti għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali".

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u għandu japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*